# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 23 ta' Jannar 2025**

**Numru 1**

**Rikors Numru 104/20TA**

**Joseph Emanuel Galea** karta tal-Identita Numru (31182M) f'ismu personalment u għan-nom u rappreżentanza tas-Soċjeta' Freeways Logistics Limited (C47875)

**vs**

**1) Il-Ministru tal-finanzi, u**
**2) Direttur Generali, Dipartiment tad-Dwana, u**
**3) Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u l-Proġett Kapitali, u**
**4) L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, u**
**5) Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Transport, Infrastruttura u l-Proġett Kapitali.**
**6) L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Joseph Galea f'ismu u għan-nom tas-Soċjeta' Freeways Logistics Limited (l-Atturi) tat-18 ta' Ġunju 2020 li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti ilu jopera bħala burdnar (hauler) bil-vetturi tiegħu tas-Socjeta` Freeways Logistics Ltd Bir-registrazzjoni: C47875 lilu apartenenti, billi jiġġestixxi negozju għall-ġarr ta` merkanzija principalment mill-Ewropa għat-territorju ta` Malta, Community Status (status C);

2. Illi kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, ir-rikorrenti kien u għadu jgawdi minn liċenzja **nazzjonali u internazzjonali** ta` burdnar ( haulier), a tenur ta` (EC) regolament Numru : 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew tal-21 t`Ottubru,2009 liema Regolament jipprovdi għall-aċċess tat-transport b` kera jew b`kumpens fit-territorju kommunitarju inkluz it-territorju ta` Malta, u dan oltre li jgawdi liċenzja ta burdnar (hauler) maħruġa mill-Awtorita tat- Transport f`Malta;

3. Illi r-rikorrenti noe` ġie mizmum ċirka sitt(6) snin ilu, preċizament fis-17 t` April, 2014 milli jkompli jopera ta` burdnar(haulier) fil-portijiet ta` Malta mid-dipartiment tad-dwana u dan b` aġir abbusiv peress li l-Awtorita għat-Transport f` Malta ma pprovditx in-number plates bl-ittri HQ li jiddentifikaw il-vetturi għall-ġarr ta`merkanzija b` kiri jew b`kumpens skont il-Liġi Sussidjarja Numru: 368.02 intitolata Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations u dan nuncio` li l-mittenti noe kien jinstenna li n-number plates HQ kellhom jinħarġu skont il-liġi mal-vetturi għax-xogħol ta` transport kif normalment isir u għandu jsir;

4. Illi r-rikorrenti għadu sal-llum mingħajr ebda raġuni valida u aċċettabli għalfejn l-Awtorita għat-transport f` Malta ma pprovditx in-number plates bl-ittri HQ skont il-liġi ħlief dik mogħtija verbalment lir-rikorrenti mill-Awtorita għat-transport f`Malta u ċioe` li trid tkun rispettata l-uzanza u mħux il-liġi, ossia` l-konswetudini u dan immatarjalment x` tikkontempla l-liġi dwar l-istess;

**5.** Illi r-rikorrenti noe` b kommunikazzjoni diretta mas-sezzjoni responsabbli mit-Transport tal-Art fi ħdan il-Kummisjoni Ewropea, kien ġie gwidat bil-mod segwenti: **“Under Regulation( EC) No 1072/2009, hauliers who are in possession of a Community License are entiled to carry out international transport between Member States without restrictions.**

   **The Community License or a certified copy there of must be carried on board the vehicle. If the driver is a third country national, they must also carry a driver attestation. Therefore, a road haulage undertaking with a valid Community License and meeting all the conditions above at the time of the check, should be free to carry out international transport between Italy and Malta without the need for an additional licence.” Kif ukoll, “To our knowledge, the Maltese Legislation does not require a “ customs**

**permit " for a haulier if he is on an international journey with one vehicle or a coupled combination of vehicles**."

6. Illi fil-fehma tar-rikorrenti t-twaqqif lilu milli jkompli jopera ta` burdnar (haulier) mid-Dipartiment tad-dwana huwa għal kollox arbitlarju, illegali u abbuziv aktar u aktar meta l-Awtorita` għat-Transport f` Malta temmen u tiddikjara bil-miftuħ li s-suq tat-transport fit-teritorju ta` Malta ħuwa addirittura ħieles skont il-prinċipji tal-kompetizzjoni ġusta;

7. Ir-rikorrenti noe jemmen li n-nuqqas ta` deċizjoni mill-Awtorita għat-Transport biex jinħarġu in-number plates bl-ittri HQ ħuwa aġir bi ksur lampanti tad-drittijiet tiegħu partikolarment b` aġir abbusiv tal-Awtorita għat-transport f`Malta li mingħajr ma tat deċizjoni lir-rikorrenti, iddeċidiet li ma tiddeċidix;

8. Illi di piu konsegwenza tan-nuqqas il-konvenuti jew min minnhom, ir-rikorrenti noe` spicca jbati kommerjalment u finanzjarment tant li kellu jieqaf milli jiġġestixxi n-negozju tiegħu surreferiet, għal liema nuqqas il-konvenuti kienu formalment mitluba biex jersqu gal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni izda l-konvenuti baqgħu inadempjenti;

9. Ili r-rikorrenti jaf personalment b` dawn il-fatti;

10. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawza.

Għaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħgobha, previa kull provediment jew dikjarazzjoni opportuna:-

(1) Tiddecidi u tiddikjara ili minħabba l-agir abbusiv tal-konvenuti jew min minnhom, ir-rikorrenti garrab lezjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu kif tutelati mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u mill-Artikolu ` ta` l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, kif ukoll mill-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni Ewropeja;

(2) Tagħti dawk l-ordnijiet, provvedimenti u dikjarazzjonijiet kollha opportuni sabiex ir-rikorrenti jingħata rimedju xieraq u adegwat għall-vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali mgarrbin minnu, inkluz kumpens għall-hsarat pekunjarji u non-pekunjarji mgarrbin mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li huma ikoll minn issa ngunti in subbizzjoni.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' tat-Trasport f'Malta (l-intimata Awtorita') tad-29 ta' Lulju 2020 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. Illi, preliminarjament, in-nullita' tar-rikors promotur stante illi l-okkju tal-istess rikors ma jaqbilx u jikkuntrasta ma' min qed jigi dikjarat illi pprezentaht, u dan stante illi fl-okkju jissemma' bis sir-rikorrent Joseph Emanuel Galea filwaqt li mbaghad gie dikjarat illi l-istess Joseph Emanuel Galea qed jipprezenta dan ir-rikors kostituzzjonali kemm f'ismu personalment u kif ukoll ghan-nom tas-socjeta' 'Freeways Logistic Limited' (C-47875) a differenza ta' dak indikat fl-okkju tar-rikors promotur.

2. Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita' tar-rikors promotur stante illi gie intavolat f'isem socjeta' kummercjali – 'Freeways Logistic Limited' – li ma tezistix, ghalkemm tezisti s-socjeta' 'Freeways **Logistics** Limited'.

3. Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita' tar-rikors promotur stante illi r-rikors promotur, jekk qed jigi pprezentat ukoll mis-socjeta' Freeways **Logistics** Limited', u cioe' socjeta' li ghandha personalita' guridika distinta, kellu jigi pprezentat minn din is-socjeta' nnifisha u mhux minn direttur taghha ghan-nom taghha, u dan a tenur tal-artikolu 181A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita' tar-rikors promotur stante illi gie intavolat kontra "l-Awtorita' tat-Trasport" meta ma tezisti ebda entita' b'dak l-isem izda tezisti l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta kostitwita bil-Kapitolu 499 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita' tar-rikors promotur stante illi gie intavolat kontra "l-Ministeru tat-Trasport u tal-Infrastruttura u tal-Progetti" meta ma jezisti ebda Ministeru b'dak l-isem izda jezisti l-Ministeru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali.

6. Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nullita' tar-rikors promotur stante illi gie intavolat u pprezentat kontra 'Minsiteru tal-Finanzi' u 'Ministeru tat-Trasport u tal-Infrastruttura u tal-Progetti' meta 'Ministeru' m'ghandu ebda personalita' guridika u a tenur tal-artikolu 181 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kelhom jigu citati in gudizzju il-Ministru tal-Finanzi u mhux il-Ministeru tal-Finanzi u l-Ministru ghatTrasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali u mhux il-Ministeru tat-Trasport u tal-Infrastruttura u tal-Progetti.

7. Illi, preliminarjament ukoll, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, a tenur tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat tal-Istat mhuwiex leġittimu kontradittur f'din il-vertenza in kwantu ma jweġibx, la direttament u lanqas indirettament għall-allegazzjonijiet u għall-pretensjonijiet tar-rikorrent u għalhekk għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju.

8. Illi wkoll, l-Awtorita' intimata teccepixxi, in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, illi r-rikorrent ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan stante illi l-istess rikorrent la ressaq appell mid-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti relattiva ghall-hrug tal-'HQ' *registration plates* quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ai termini tal-Artikolu 40 tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas proceduri biex jigi mistharreg l-eghmil amministrattiv tal-Awtorita' rispondenti a tenur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. Illi di fatti huwa bil-wisq palez it-tentattiv da parti tar-rikorrent biex jghaddi mit-tieqa una volta li huwa naqas jew nesa jghaddi mill-bieb stante illi r-rimedji ordinarji li huwa seta' jirrikorri ghalihom illum m'ghadhomx izjed a disposizzjoni tieghi minhabba illi naqas milli jirrikorri ghalihom tempestivament u entro t-termini stabbiliti mil-ligi, u ghalhekk minflok qieghed jintenta li jikseb ir-rimedju li kien messu mexxa bi proceduri ordinarji ghall-kisba tieghu permezz ta' dawn il-proceduri ta' indoli kostituzzjonali illi kjarament mhumiex f'lokhom u mhumiex legalment tenibbli.

10. Illi, oltre dan, jigi sottolineat illi dak imtenni mir-rikorrent fir-rikors promotur li permezz tieghu huwa istitwixxa dawn il-roceduri fis-sens illi huwa jiddetjeni licenzja ta' operatur mahruga skond ir-Regolament EU1072/2009 huwa fattwalment skorrett ghaliex il-licenzji li kien hekk jiddetjeni r-rikorrent ilha skaduta mit-2 ta' Novembru tas-sena 2014.

11. Illi, subordinatament u assolutament minghajr pregudizzju ghas-suepost, l-allegazzjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-rikors promotur huma lkoll infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li gew u/jew qed jigu lezi da parti tal-Awtorita' rispondenti d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif protetti mill-Kostituzzjoni u l-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta kif qed jigi minnu allegat, u dan stante wkoll illi, irrispettivament mill-kwistjoni tal-hrug o meno tal-HQ *registration plates*, ir-rikorrent ma setax jahdem bhala burdnar minghajr permess tal-Kontrollur tad-Dwana u dan ghar-ragunijiet segwenti:

    (a) ai termini ta' Regolament EU 1027/2009, persuna tinhargilha licenzja ghat-trasport ta' merkanziaj bit-triq b'kera jew kumpens fl-ambitu tal-istess Regolament skond id-definizzjoni kif stipulata fl-Artikolu 2 u cioe' ghall-access ghas-suq internazzjonali minn pajjiz ghal iehor fit-territorju kommunitarju tat-trasport bit-triq tal-merkanzija, li huwa ben divers minn xoghol li jinvolvi l-irrilaxxjar tal-merkanzija ghall-fini tal-ligijiet doganali;
    (b) l-artikolu 3 tal-Kap. 203 tal-Ligijiet ta' Malta jitipula espressament illi "hadd ma jista' jaghmilha ta' burdnar hl;ief b'permess tad-Dwana" u ghalhekk huwa minhabba n-nuqqas tal-permess tad-Dwana illi r-rikorrent ma setax jopera bhala burdnar u f'dan ir-rigward jigi sottolineat in oltre illi:

(i) id-definizzjoni ta' "transport" fl-artikolu 2 tal-Kap. 203 tal-Ligijiet ta' Malta tistipula b'mod car illi 'trasport' ma jinkludix ic-caqliq ta' merkanzija minn xi tinda tad-Dwana, mahzen tad-depozt, depozt, veranda, moll jew post iehor ta' depozt f'port ghal xi post iehor bhal dawn u l-garr ta' merkanzija bil-bahar, u ghalhekk anke ghal din ir-raguni kwalunkwer licenzja mahruga ai termini tar-Regolament EU 1072/2009 ma japplikax ghat-trasport fiz-zoni taht il-kontroll tad-Dwana; u

(ii) il-Kummissjoni Ewropea kienet, fit-trattivi ma' Malta qabel is-shubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, acettat li s-sistema ta' permessi mahruga mid-Dwana ghal xoghol ta' burdnar mhijiex kwistjoni ta' *'market access'* izda semplicement tikkoncerna *'security-pass arrangements to restricted port areas'*

u ghaldaqstant irrispettivament mill-hrug o meno tal-HQ registration plates ir-rikorrent ma kienx se jkollu ebda jedd u opportunita' li jopera bhala burdnar minghajr il-permess tad-Dwana.

12. Illi ghal dawn il-motivi kollha t-talbiet tar-rikorrent huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

13. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat it-tweġiba tal-intimati l-oħrajn tat-3 ta' Awwissu 2020 li permezz tagħha wieġbu s-segwenti:

1. Illi qabel xejn, ir-rikorrent ma jagħti l-ebda raġuni fir-rikors tiegħu għaliex huwa ħass li kellu jħarrek f'din il-kawża lill-Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, lill-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, lis-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali u lill-Avukat tal-Istat. Fir-rikors tiegħu huwa jilmenta biss mill-fatt li skont hu l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u d-Direttur Ġenerali (Dwana) ċaħduh illegalment milli jħalluh ikompli jopera ta' burdnar (*haulier*) u li joħorġulu pjanċi bl-ittri HQ;
Jekk dan huwa l-ilment tar-rikorrent allura l-intimati l-oħra għajr l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u d-Direttur Ġenerali (Dwana), għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju;

2. Illi *in limine litis* ukoll, jekk kif qed jgħid ir-rikorrent, huwa jgawdi minn xi liċenzja nazzjonali u internazzjonali u b'hekk ma tħallix jaħdem bħala burdnar (*haulier*) b'mod arbitrarju, illegali u abbużiv, allura r-rimedju li kellu juża r-rikorrenti huwa li jressaq kawża ordinarja kontra l-Awtorità għat-Trasport f'Malta u d-Direttur Ġenerali (Dwana) sabiex il-Qorti tordnalhom illi jirrikonoxxu dik il-liċenzja li huwa qed jgħid illi għandu

skont il-liġi u li għalhekk tikkundannahom iħallsuh id-danni talli huma naqsu milli jtuh dak l-għarfien;

Min-naħa 'l-oħra jekk ir-rikorrenti qiegħed jattakka deċiżjonijiet amministrattivi meħuda mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u d-Direttur Ġenerali (Dwana) talli rrifjutawlu milli joħorġulu l-pjanċi bl-ittri HQ, allura huwa messu nieda azzjoni taħt l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** biex iħassar dawk id-deċiżjonijiet amministrattivi, jekk huwa tassew minnu dak li qed jgħid ir-rikorrent li dawk id-deċiżjonijiet ittieħdu b'mod arbitrarju, abbużiv u bi ksur tal-liġi;

Huwa evidenti li t-tilwima li r-rikorrent għandu ma' xi wħud mill-intimati mhijiex waħda ta' sura kostituzzjonali iżda hija waħda ta' għamla amministrattiva, *viz*. jekk huwa tabilħaqq għandux liċenzja ta' burdnar (*haulier*) u jekk huwa għandux jedd li jinħarġulu pjanċi bl-ittri HQ;

Billi għalhekk ir-rikorrent kellu f'idejh rimedji ordinarji biex jindirizzaw l-ilmenti tiegħu, huwa l-każ li din l-Onorabbli Qorti toqgħod lura milli tinqeda bis-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha skont l-**artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni** u l-*proviso* tal-**artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. Illi lil hemm minn dan, b'rabta mal-ewwel talba tar-rikorrent, l-esponenti jibdew billi jwieġbu li r-rikorrent ma jistax jinvoka l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**. Dan minħabba li skont l-**artikolu 37(2)(f) tal-Kostituzzjoni**, ebda ħaġa f'dan l-artikolu m'għandha tinftiehem li tolqot l-għemil jew ħdim ta' xi liġi safejn din tkun tipprovdi għat-teħid ta' pussess jew akkwist ta' proprjetà, li tkun inċidentali għal liċenzja;

4. Illi anke kieku stess, l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** xorta waħda mhuwiex applikabbli peress li ħadd mill-intimati ma ħa l-pussess ta' xi proprjetà li hija tar-rikorrent;

5. Illi hekk ukoll ma tistax tirnexxi l-azzjoni tar-rikorrent kif imsejsa fuq l-**artikolu 1 tal-ewwel protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea** ġaladarba ebda wieħed mill-intimati ma fixkel lir-rikorrent mit-tgawdija ta' ħwejġu;

6. Illi minbarra dan, huwa ċar li l-jedd tal-proprjetà ma jeżistix u allura ma jkunx jista' jiġi miksur jekk il-persuni, f'dan il-każ ir-rikorrent, ma jipprovax li huwa għandu jew kellu, fil-mument tal-allegata vjolazzjoni, il-possediment li qiegħed jallega li ġie miċħud minnu. Sewwasew f'dan il-każ, ir-rikorrent m'għandux il-liċenzja ta' burdar li qiegħed jgħid illi għandu. Kemm hu hekk, mal-atti tar-rikors huwa ma ppreżenta l-ebda kopja ta' din il-liċenzja. Darba għalhekk li r-rikorrent m'għandux liċenzja, huwa ma jistax jgħid li huwa ġie mċaħħad minnha jew li l-intimati fixkluh fit-tgawdija tagħha;

L-ewwel talba tar-rikorrent li kien hemm ksur tal-jedd tal-proprjetà tiegħu għalhekk ma tistax tiġi milqugħa;

7. Illi safejn l-ewwel talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea**, jingħad li r-rikorrent ma indikax fuq liema kawżali jew *status* huwa allegatament ġie diskriminat. Skont dan l-**artikolu 14**, it-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati fil-**Konvenzjoni** għandha tiġi żgurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew *status* ieħor. Minn din il-perspettiva, ma ġiex muri li l-allegat trattament diskriminatorju, kien imsejjes fuq xi kawżali ta' *status*, inkwantu karatteristika personali tiegħu. Għalhekk ġaladarba t-trattament divers imqanqal mir-rikorrent mhuwiex xprunat fuq l-ebda wieħed mill-kawżali li jinsab protett mill-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni**, isegwi li minn dan l-aspett, l-istħarriġ konvenzjonali ma jistax jiġi milqugħ;

8. Illi miżjud ma' dan, ir-rikorrent ma jipprovdi l-ebda ħjiel ma' min huwa allegatament ġie diskriminat. Jiġi b'hekk, li anke din it-tieni parti tal-ewwel talba mhijiex mistħoqqha u għandha tiġi miċħuda;

9. Illi l-esponenti jagħlqu billi jtennu li ladarba r-rikorrent ma seħħlux juri li ġarrab ksur kostituzzjonali jew konvenzjonali, kif mitluba fl-ewwel talba tiegħu, allura lanqas ma tista' tiġi milqugħa t-tieni talba tiegħu biex jingħata rimedju u kumpens fi flus;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat l-Atti u dokumenti kollha fil-proċedura.

Rat is-sentenza parzjali tagħha tat-22 ta' Marzu 2022.

Semgħet u qrat ix-xhieda.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet.

Rat li r-rikors tħalla' għal-lum għas-Sentenza.

## Punti ta' fatti

Ir-rikorrrent għandu liċenzja maħruġa mill-intimata awtorita bħala operator għall-ġarr ta' merkanzija u b'hekk għandu aċċess tat-trasport b'kera jew kumpens fit-territorju kommunitarju inkluż dak Malti.

Mis-17 ta' April 2014 ġie miżmum milli jopera f'dawn iż-żoni tal-port li sabiex teċċedi għalihom trid il-permess ta' l-intimat Direttur tad-Dwana. Skond ir-rikorrent dan huwa b'konsegwenza li l-intimata awtorita' ma tridx tipprovdi pjanċa bl-ittri HQ liema pjanċa tidentifika vettura bħal li għandha l-permess tad-Dwana.

Kull meta r-rikorrrent talab spjegazzjoni lill-intimata Awtorita' u tad-Dwana dawn dejjem taw tweġiba verbali u qatt bil-miktub. It-tweġiba kienet fis-sens li trid tkun rispettata l-użanza u l-konswetudni immaterjalment minn dak li tgħid il-liġi. Għalhekk ir-rikorrent qed jilmenta li huwa qiegħed ikun miżmum li jaġixxi ta' burdnar bi ksur tal-liġi u di pju qed ikunu leżi d-drittijiet fundamentali kif aħjar spjegat hawn taħt. Minħabba dan l-aġir ir-rikorrenti jikkontendi li sofra d-danni.

**Punti ta' Liġi**

Ir-rikorrent qiegħed jikkontendi li minħabba dak li ntqal aktar 'l fuq huwa ġie mwaqqaf milli jeżerċita d-drittijiet tiegħu għat-tgawdija tal-proprjeta' u possedimenti tiegħu kif imħarsa mill-artikoli 37 u artiklu 1 tal-Ewwell Protokoll tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament. Jgħid ukoll li ġie ukoll leż id-dritt tiegħu taħt artikolu 14 tal-konvenzjoni.

## Konsiderazzjonijet

Il-Qorti tibda biex tirrileva, li kif inhi regolata l-materja dwar min għandu jkun burdnar bil-permess tad-Dwana u xi tfisser li tkun operatur bil-pjanċa HQ jew mingħajrha, bil-permess maħruġ mill-intimat Awtorita, ma jistax ma jkunx osservat li l-Qorti għandha sitwazzjoni imċajpra għall-aħħar. M'għandniex sistema omoġeneja u ċara, li tippermetti lil min jixtieq ikun fil-qasam ta' ġarr u trasport ta' merkanzija inter kommunitarja ikun jaf fejn tassew qiegħed. Is-sistema kollha hija minestra ta' liġijiet antiki, użanzi u prattiċi xejn ortodossi u issa kompliet ikkumplikat lilha nnifisha bir-regolamenti tal-Unjoni Ewropeja.

Di fatti fis-Sentenza li ġiet anke esebita f'dawn il-proċeduri, fil-prim istanza ġie osservat hekk:

*"Il-Qorti tifhem illi hija prerogattiva tal-Awtoritajiet kompetenti li tiġġestixxi ż-żona ristretta tal-port u li joħorġu liċenzji appositi għall-persuni idonji biex jidħlu f'tali żoni, ossija 'burdnara', <u>iżda ċertament ma huwiex ġust u korrett lejn it-trasportaturi li lanqas biss jingħataw il-possibbilta' li japplikaw għall-liċenzja ta' "burdnar"</u>, għax hija policy tal-Gvern ma joħorġux aktar liċenzji.*

*Il-Qorti tistqarr illi tali deċiżjoni li ma toħroġ ebda liċenzji oħra ta' burdnara ma tistax ħlief twassal għall-abbuż tal-posizzjoni dominanti u essenzjali tal-"burdnar" mat-trasportaturi u ċertament iqiegħed lit-trasportaturi f'posizzjoni żvantaġġjata għal fini ta' suq ħieles, liema kwistjoni, għalkemm ġia eżaminata mill-Kummissjoni Ewropeja, ċertament kienet limitata għall-*

*aspett ta' "security access"* iżda ma jidhirx illi qatt ġiet ikkunsidrata mill-aspett li liċenzji ġodda ilhom ma jinħarġu għal ħafna snin.

*Huwa opportun, għalhekk, illi l-awtoritajiet kompetenti jirrivedu tali policy minnhom dikjarata li ma joħorġux liċenzji għal burdnara ġodda, u dan sabiex jiġi assikurat illi min jixtieq jipprovdi s-servizz ta' "burdnar" jkun jista' jagħmel dan, mingħajr ebda xkiel ulterjuri"* (Emfażi tal-Qorti).

<u>*Artikoli 37 u artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll*</u>

Dik il-Qorti għamlet din l-osservazzjoni minkejja li finalmet it-talbiet Attriċi xorta waħda ġew miċħuda pero' minħabba raġunijiet għal kolox differenti. (Ara **Sentenza tas-26 ta' Settembru 2023 Fl-ismijiet 3Way Limited et -Vs- L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta et per Imhallef Francesco Depasquale).** Ħafna mill-konsiderazzjonijiet magħmula f'dik il-Kawża huma applikabbli għal dik odjerna anke jekk il-mertu ma kienx riflessjoni perfetta ta' dak odjern.

Il-Qorti qrat b'reqqa l-proċess u provat minn kollox biex tifhem sewwa sew il-prinċipju involut fil-materja. Għalhekk huwa importanti li qabel kollox li jkunu identifikati l-liġijiet prinċipali li jirreferu għall-vertenza li għandha quddiemha din il-Qorti.

L-artikolu prinċipali huwa 3(1) tal-Kap 203 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe li "*Ħadd ma jista' jagħmilha ta; burdnar ħlief bil-permess tad-Dwana u skont*

*permess tad-Dwana mogħti għal hekk mill-Kontrollur*". Art 3(4) jiddisponi wkoll li "*Id-detentur ta' permess mid-Dwana għandu f'kull waqt ikollu fil-ppussess tiegħu permess ta' operator maħruġ mill-Awtorita' għat-Trasport*". Artikolu 2 ta' din il-liġi jiddefinixxi 'burdnar' kif ġej: "*'burdnar' tfisser kull min ikun id-detentur ta' permess maħruġ mid-dwana u li xogħlu jkun:*

*(a)li jagħmel id-dikjarazzjonijiet tad-dwana u li jgħaddi mid-dipartiment tad-dwana, dokumenti li għandhom x'jaqsmu mal-merkanzija; u*

*(b)l-irtir ta' merkanzija minn xi tinda tad-dwana, maħżen ta' depożt, veranda, moll jew post ieħor waqt tad-depożt, u t-trasport ta' dik il-merkanzija minn hemm għal post ta' konsenja; u*

*(c) L-irtir ta' merkanzija minn xi fabbrika, depożt jew lokal ieħor u t-trasport ta' dik il-merkanzija minn hemm għal-moll jew post ieħor ta' depożt għall-imbark".*

Issa meta din il-Qorti eżaminat ix-xhieda prodotta, irriżultalha li fil-prattika burdnar u operatur, huma żewġ kategoriji ta' xogħol għal kollox differenti. Vince Micallef Pule', li kien Senior Manager fi ħdan id-direttorat għat-trasport u responsabbli mill-ħruġ ta' operaturi liċenzjati kemm internazzjonali u kif ukoll nazzjonali, jagħmel differenza bejn operator u burdnar. L-ewwel liċenzja toħroġha l-Awtorita' u t-tieni d-Dwana (a' fol 249). L.S 368.02 tiddisponi li burdnar irid ikollu liċenzja HQ pero' jgħid ukoll li din kienet prassi (a' fol 249 tergo). Din il-prassi u konswetudni dejjem kienet li meta d-Dwana toħroġ liċenzja ta' burdnar, tiġi nfurmata l-Awtorita' intimata

biex dik il-vettura tinħarġilha l-ittra HQ (idem). Id-Dwana riedet li tibqa' iżżomm li tagħti permess li toħroġ pjanċa HQ għal min huwa burdnar tax-Xatt (a' fol 251).

Alfred Camilleri, uffiċjal anzjan tal-Gvern u li ħadem bħala Direttur ta' diversi Dipartimenti jispjega li burdnar u transporter mhux l-istess. Burdnar jagħmel xogħol aktar ... ħafna iktar minn transporter fis-sens li burdnar huwa regolat minn Kap 203 li hija l-leġislazzjoni nazzjonali ... huwa aġent tad-Dwana, aġent tal-importaturi u esportaturi ... imexxi d-dokumentazzjoni ... jekk inti għandek merkanzija mill-Unjoni Ewropeja jiskatta reġim mod u meta għandek merkanzija li mhux ġejja mill-Unjoni jiskatta reġim ieħor. Wara esposizzjoni dettaljata u fit-tul ikompli jispjega li *"... sakemm aħna nħallu l-aċċess għall-moviment ta' servizzi jew għal moviment tal-merkanzija, mela hemm ma hiex il-kompetenza tal-Unjoni Ewropeja. U l-kompetenza tal-Unjioni Ewropeja hawn hekk hija ... hija biss fejn jidħol liċenzjar bażikamemt ta' operaturi tat-trasport. Fejn jidħol bażikament servizzi oħra f'dan il-każ għandna s-servizzi tal-burdnara, dik hija kompetenza nazzjonali li l-Unjoni Ewropeja ma tirregolahiex"* (a' fol 327 u 328 xhieda fil-Kawża rikors numru 45/2015/1 FDP). "*Il-Kummissjoni fehmet, wara li ġew spjegati lilha dawn l-affarijiet li qed nispjega jiena, li la darba l-freedom of goods ma humiex minsusin, la darba bażikament access is guaranteed … the management of the secure areas has not got to do with market access. <u>That is the management of secure areas.</u> Jiġifieri l-fatt biex tidħol u topera f'ċertu area għandek bżonn il-permess ... ma hiex*

*meqjusa bħala ostakolu għal xejn*" (a' fol 103). Paul Zahra, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi jgħid, li l-kwistjoni tal-liċenzji ta' burdnar skond il-Kap 203 hija trattata bħala kwistjoni ta' sigurta' u mhux sempliċi *market issue*. (A' fol 387). F'dan is-sens ukoll Alan Mamo, Direttur tal-Compliance and Systems fid-dipartiment tad-Dwana ta' Malta, jgħid Liċenzja ta' trasportatur u burdnar m'humiex l-istess ħaġa. Liċenzja komunitarja ta' trasportatur ma tagħtix aċċess għaż-żoni ristretti kontrollati tad-Dwana. (a' fol 385).

Sa hawn il-Qorti tifhem li għalhekk li hemm differenza netta bejn burdnar u operatur, differenza li r-rikorrent bħal donnu mhux jagħmel. Li tkun operatur mhux neċċessarjament jintitolak għal liċenzja ta' burdnar, għalkemm tista' tkun burdnar u operatur li f'dan il-każ tinħariġlek pjanċa HQ, maħsuba biss ai fini ta' identifikazzjoni kull meta tidħol fiż-żoni ristretti tal-port għaliex dawn huma meqjusa bħal żoni ta' sigurta'.

Issa skond Patrick Attard li kien Spettur anzjan jispjega, li "*Is-sur Galea ħareġ bir-roll-on trailer u kellu dritt jagħmilha għaliex kien abbord, pero kellu iżjed trailers. Meta, l-istruzzjonijiet li kelli jiena huwa illi min ma jkollux HQ, ikun jista' jġorr trailer tiegħu darba biss. Jekk ikollu oħrajn abbord dak l-istess vapur li jkun għadu kif daħal miegħu, ikun irid iqabbad burdnar liċenzjat*" (a' fol 222 tergo). Għalhekk ingħata struzzjonijiet f'dan is-sens mid-Direttur tad-Dwana ta' dak iż-żmien. Din il-liċenzja toħroġ mid-Direttur Ġenerali tad-Dwana (a' fol 223).

Il-Qorti tosserva li ma joħroġx ċar x'kienet din il-konswetudni u użanza li kull darba jiċċitaw uħud mill-intimati. Il-Qorti fehmet li l-konswetudni tfisser li pjanċa HQ toħroġ biss lil dawk li għandhom liċenzja ta' burdnar maħruġa mill-intimat Direttur tad-Dwana. Pero' fil-realta' l-użu ta' HQ mhux xi misteru esoteriku għaliex Art. 31(1)(ix) tal-L.S. 368.02 jiddisponi hekk: "*Marki ta' reġistrazzjoni mogħtija lil vetturi li jintużaw b'kiri jew kumpens għandhom jinkludu l-ittra tal-alfabett Ruman li ġejjin segwiti bi tlett numri: ittra segwita bl-ittri HQ fir-rigward ta' vetturi użati għall-ġarr ta' merkanzija minn burdnara*". Jiġifieri l-famużi ittri HQ jemerġu mil-liġi u mhux ħolom xi ħadd bihom. Din il-liġi tagħmilha ċara li dawn iż-żewġ ittri jirreferu għall-ġarr ta' merkanzija minn burdnara li allura min m'għandux liċenzja ta' burdnar, anke jekk operatur kif ingħad, m'għandu ebda dritt għall-ittri HQ.

Issa l-Qorti tagħmilha ċara li l-liġi fiha nniffisha ma hiex ħażina. Jekk il-mod kif qed tkun applikata jista' jkun ħażin u għalhekk jekk hemm xi konswetudni żgur ma hiex biss l-għotja HQ mill-intimat Awtorita' iżda xi sitwazzjoni oħra.

Issa l-Kostituzzjoni tagħna f'artikolu 24 tagħti definizzjoni ta' x'tikkostitwixxi l-liġi u ċioe' "*tinkludi kull dokument li jkollu l-forza ta' liġi u kull regola ta' liġi mhux miktuba u "skont il-liġi" u "legalment" għandhom jiftehmu skont hekk*". Definizzjoni li anke nsibuha fil-Kap 249 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk l-użanza u l-konswetudni trid tkun tikkonsisti f'xi prassi li kieku kienet liġi miktuba jkollha l-oġġettiv li jsaltan id-dritt u li din is-saltna tkun waħda ġusta u ekwa.

Huwa paċifiku bejn il-partijiet li l-bżonn ta' permess ta' burdnar huwa meħtieġ biex dak li jkun ikun jista' jeżerċita l-professjoni tiegħu f'żona li hija ristretta. Dan joħroġ ċar mix-xhieda fuq imsemmija, partikularment mill-ispjegazzjoni akkurata ta' Alfred Camilleri li għandu esperjenza vasta ta' kif jaħdmu l-liġijiet f'dan il-qasam. Imma l-Qorti ma tarax li dan jagħmel sens għaliex biex ir-rikorrent iniżżel konsenja waħda jista' u li għalhekk ikun daħal f'żona ristretta iżda basta mhux aktar. Għalhekk huwa kontro sens meta jingħad li r-rikorrent għandu bżonn permess tad-Dwana biex jidħol f'żona ristretta.

Di piu' anke kieku stess il-permess joħroġ għaliex l-attivita' issir f'żona ta' sigurta', għalhekk f'każ ta' rifjut huwa mistenni li l-applikant jingħata raġuni ċara u univoka, per eżempju li tkun ser tiġi kompromessa s-sigurta'. Iżda minn dan kollu ma joħroġ xejn mill-provi. L-unika risposta li ngħata bil-fomm, u fuq dan il-partijiet huma paċifiċi, li r-rifjut kien minħabba konswetudni u prassi. Ir-risposta għandha żewġ difiċjenzi li tqiegħed lir-rikorrenti fi żvantaġġ ovvju: li ma hiex bil-miktub u li ma ingħatatx spjegazzjoni x'tassew kienet il-prassi. F'Każ ta' ħruġ jew ċaħda ta' permessi, ir-raġuni bil-miktub hija essenzjali sabiex dak li jkun ikun jista' jirregola ruħu. Id-dritt li dak li jkun jaħdem mingħajr xkiel huwa rikonoxxut anke mill-kostituzzjoni tagħna fit-Tieni Kapitolu fejn jingħad li "*L-Istat jirrikonoxxi d-dritt taċ-ċittadini kollha għal xogħolu għandu jġib 'l quddiem dawk il-kondizzjonijiet li jagħmlu dan id-dritt effettiv*". Issa veru li din hija biss dikjarazzjoni u mhux normattiva, iżda hija indikazzjoni ta' gwida

importanti l-aktar meta wieħed jiftakar li skond l-ewwel artikolu tal-Kostituzzjoni. "*Malta hija repubblika demokratika bbażata fuq ix-xogħol u fuq ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwu*". (Emfażi tal-Qorti.)

F'dan ir-rigward **Lord Denning fil-ktieb tiegħu, The Discipline of Law** jispjega sewwa li "*A man has a right to work at his trade or profession without being unjustly excluded from it. He is not to be shut out from it at the whim of those having the governance of it. If they make a rule which enables them to reject his application arbitrarily or capriciously, not reasonably, that rule is bad. It is against public policy. The Courts will not give effect to it. "We live in days when many trading or professional associations operate "closed shops". No person can work at his trade or profession except by their permission. They can deprive him of his livelihood. When a man is wrongly rejected or ousted by one of these associations, has he no remedy? I think he may well have, even though he can show no contract. The courts have power to grant him a declaration that his rejection and ouster was invalid and an injunction requiring the association to rectify their error. The true ground of jurisdiction in all these cases is a man's right to work .... A man's right to work at his trade or profession is just as important to him as, perhaps more important than, his rights of property. Just as the Courts will intervene to protect his rights of property, they will also intervene to protect his right to work*". (Emfażi tal-Qorti).

Issa b'dan it-tagħlim quddiem għajnejha din il-Qorti setgħet tasal għal din il-konswetudni u użanza x'tista' tkun. Vince Micallef Pule' jixhed li 'Sa fejn nafu aħna l-liċenzji ta' burdnari huma magħluqin. Jiġifieri hemm numru ta' burdnara fissi, xi mija u tlettax ..." (a' fol 267). Anke fis-sentenza ċitata ta' 3 way Ltd ingħad hekk:

"*Alfred Camilleri, dak iż-żmien Segretarju Permanenti Ministeru tal-Finanzi, spjega l-għala hemm numeros clausos fuq il-permessi tal-burdnara:*

> *(i) Il-burdnara li diġà kellhom il-permess huma midħla tad-dokumentazzjoni doganali u huma strumentali biex l-istatistika f'dan ir-rigward tinġabar b'mod korrett. Fuq il-ġbir ta' din l-istatistika jiddependi l-pakkett finanzjarju li jingħata lil Malta fil-budget tal-Unjoni Ewropea. Jekk joħorġu offerti għal permessi ġodda dawn iridu jkunu miftuħin internazzjonalment u <u>dan idgħajjef il-kontroll li hemm bħalissa fuq ammont limitat ta' burdnara Maltin u ta' esperjenza</u>.*
>
> (ii) *Hemm spazju limitat fiż-żoni ristretti*"

Il-Qorti għandha rispett kbir lejn Alfred Camilleri li dejjem ħadem bl-akbar retitudni fl-interess pubbliku, iżda xorta jibqa' l-fatt, li fi kliem Lord Denning hawn si tratta ta' *closed shop* il-Qorti hija tal-fehma li din l-użanza u konswetudni hija prattikka industrijali ristrettiva li ma tippermettix lir-rikorrent jippenetra dan is-suq. Ir-restrizzjonijiet dwar xogħol joħorġu mil-liġi u mhux minn xi deċiżjoni unilaterali ta' amministrazzjoni.

F’dan ir-rigward l-ewwel Qorti għamlet osservazzjoni inċisiva meta qalet hekk:

“Il-*Qorti tistqarr illi tali deċiżjoni li ma toħroġ ebda liċenzji oħra ta’ burdnara ma tistax ħlief twassal għall-abbuż tal-posizzjoni dominanti u essenzjali tal-“burdnar” mat-trasportaturi u ċertament iqiegħed lit-trasportaturi f’posizzjoni żvantaġġjata għal fini ta’ suq ħieles, liema kwistjoni, għalkemm ġia eżaminata mill-Kummissjoni Ewropeja, ċertament kienet limitata għall-aspett ta’ “security access” iżda ma jidhirx illi qatt ġiet ikkunsidrata mill-aspett li liċenzji ġodda ilhom ma jinħarġu għal ħafna snin.*

*Huwa opportun, għalhekk, illi l-awtoritajiet kompetenti jirrivedu tali policy minnhom dikjarata li ma joħorġux liċenzji għal burdnara ġodda, u dan sabiex jiġi assikurat illi min jixtieq jipprovdi s-servizz ta’ “burdnar” jkun jista’ jagħmel dan, mingħajr ebda xkiel ulterjuri”.*

Fil-każ ta’ miżuri ta’ awsterita’ minħabba l-kriżi finanzjarja, l-ECHR kellha dan xi tgħid:

“*The Court took into account that the measures were taken to offset the consequences of an economic crisis, that the authorities had had the public interest in mind, that a particular measure had been part of a much wider programme, that they had not been disproportionate and had not represented a threat to the applicants’ livelihood<u>, and that they were of a temporary nature</u>* (**Mockienė v. Lithuania (dec.), 2017, § 48; Da Silva Carvalho Rico v. Portugal (dec.), 2015, § 46; Savickas and Others v.**

**Lithuania (dec.), 2013, §§ 92- 94; Da Conceição Mateus and Santos Januário v. Portugal (dec.), 2013, § 29; Koufaki and Adedy v. Greece (dec.), 2013, §§ 37-49; Žegarac and Others v. Serbia (dec.), 2023, § 103).**

Dan ifisser, li jekk l-Istat ikun rinfaċċjat b'ċirkostanzi li jkollu jieħu miżuri ta' awsterita', dan irid jagħmlu fuq bażi temporanju u mhux permanenti jew indefinit. Issa kemm huwa għar, li ma jkunx hemm miżuri ta' awsterita, b'dana kollu jiddettaw miżuri li jkunu permanenti bl-iskop li jeskludi lil terzi minn attivita ekonomika. Issa jekk fil-port ma hemmx spazju biżżejjed jew jekk joħorġu offerti internazzjonli, b'detriment għal dawk li għandhom permess ta' burdnar, allura d-Dwana għandha tindirizza dawn id-defiċjenzi u mhux bis-saħħa tagħhom tagħlaq barra lil min jixtieq jaħdem ta' burdnar. Issa terġa' u tgħid ir-rikorrent ma jridx li jkollu permess ta' burdnar iżda jrid biss li bil-permess jew mingħajr u ġjala darba għandu l-permess ta' operatur maħruġ mill-intimata, huwa jkollu d-dritt li ma jkunx imfixkel fix-xogħol tiegħu bħala trasportatur b'kull miżura li jista' jimponi d-Direttur ai fini ta' sigurta'. Altru ttella' ħajt biex ħadd ma jidħol u altru tiftaħ il-bieb biex ikun jista' jgħaddi kulħadd bil-kondizzjonijiet li d-Direttur tad-Dwana jħoss li jrid jimponi. L-anqas pero' ma jista' jimponi kundizzjonijiet li effettivament jagħmluha difficli għal min irid jopera f'dan is-suq ta' ġarr u ħatt ta' merkanzija.

Il-Qorti mingħajr tlaqliq temmen li l-mod kif ġie trattat ir-rikorrent kien wieħed sproporzjonat għall-aħħar sal-punt li kellu jżarma u jbiegħ iż-żwiemel mekkaniċi tiegħu lil ħaddieħor.

Ir-rikorrenti għalhekk sabu lilhom infushom f'qagħda li ma setgħux jeżerċitaw il-ħiliet tagħhom f'dan il-qasam. Sabu lilhom infushom jiġru mingħand Annas għal Pilatu, bejn id-Dwana u l-Awtorita' intimata. Issa anke jekk iċċaħħad lil dak li jkun mill-eżerċizzju tal-professjoni jew ix-xogħol tiegħu, din hija sitwazzjoni li timmerita li tkun protetta minn artikolu 37 u artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni rispettivament. Il-Qorti temmen li l-verita' hija, li hemm għadd ta' burdnara li ma jistax jiżdied u dan huwa preċiżament dak li osserva Lord Denning:*"We live in days when many trading or professional associations operate "closed shops". No person can work at his trade or profession except by their permission. They can deprive him of his livelihood."*

Din il-Qorti kif presjeduta diġa' kehha opportunita' li tispjega x'tifhem bil-kelma possedimenti: "*Bil-kelma possedimenti, din il-Qorti ma tifhimx biss ħwejjeġ materjali, iżda anke dawk intanġibbli, fost oħrajn l-opportunitajiet mankati f'ħajjet il-persuna bħal ma huwa ġenerazzjoni ta' negozju jew ħiliet u kapaċitajiet tal-persuna li jiġġeneraw qliegħ jew ġid*. (Ara **Sentenza tat-22 ta' Marzu, 2022 fl-ismijiet Sebastian Dalli -vs L-Avukat tal-Istat u L-Avukat Ġenerali**).

<u>*Artikolu 14 tal-konvenzjoni*</u>

Dan l-artikolu jiddisponi hekk: "*It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor".*

Kif kemm -il darba ssemma' minn dawn il-Qrati, dan l-artikolu kien hemm żmien meta l-appilkazzjoni tiegħu kienet biss b'referenza għal xi dritt fundamentali taħt il-konvenzjoni. Iżda llum anke l-ECHR saret aktar liberali fis-sens li llum huwa aċċettat li għandu ħajja awtonoma. Imma anke kieku stess, il-Qorti tqies li ċ-ċirkostanzi li għandha quddiemha jippontaw lejn diskriminazzjoni jew trattament differenzjali għaliex fil-waqt li dawn li għandhom permess tad-Dwana jistgħu jaħdmu, mhux hekk min irid jagħmel dan ix-xogħol għaliex jinsab magħluq barra bil-mod kif spjegat aktar 'l fuq.

Fir-rigward ta' dan l-artikolu dejjem intqal li "*it must be established that other persons in an analogous or relevantly similar situation enjoy preferential treatment, and that there is no reasonable or objective justification for this distinction*". (Ara **Sentenza fl-ismijiet Stubbings kontra r-Renju Unit, tat-22 ta' Ottubru 1996**). Issa għal din il-Qorti huwa manifestament ċar li r-rikorrenti meta applikaw għall-pjanċa HQ huma ġew imċaħħdin u allura ma jistgħux ikunu fl-istess qagħda ta' oħrajn minħabba dak li ingħad hawn fuq.  Kwalunkwe raġuni li ngħatat ma hiex la raġjonevoli u lanqas oġġettiva

għaliex kif spjegat aktar 'l fuq il-miżura li ma jinħarġux ebda pjanċi HQ hija waħda oppressiva għaliex hija fuq bażi permanenti. Għalhekk anke hawn il-ksur jirriżulta wkoll.

Sa fejn jirrigwarda l-intimata Awtorita għat-Trasport din il-Qorti ma tarax li din għandha twieġeb għad-domandi tar-rikorrent. Din ma setgħet tagħmel xejn ħlief li toqgħod fuq dak li kien jesiġi d-Direttur tad-Dwana. Di fatti d-Dwana riedet li tibqa' iżżomm li tagħti permess li toħroġ pjanċa HQ għal min huwa burdnar tax-Xatt (a' fol 251). Għalhekk l-Awtorita' ser tkun illiberata mill-osservanza tal-ġudizzju u għalhekk qed tilqa' is-sebgħa eċċezzjoni tal-Awtorita'.

Sa fejn jirrigwarda l-intimati l-oħrajn salv għad-Direttur Ġenerali tad-Dwana wkoll għandhom jinħelsu mill-osservanza tal-ġudizzju stante li huma ma għamlu xejn biex ċaħħdu lir-rikorrenti milli jopera fix-xogħol tiegħu. Kwantu għall-Avukat tal-Istat dan ukoll ser ikun illiberat mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex artikolu 181B. tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddiponi li "*Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun 181B. Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni inkarigat fil-materja in kwistjoni*" Issa fil-każ in kwistjoni huwa d-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tad-Dwana li għandu jwieġeb għaliex kien hu li minħabba li ma

jridx joħroġ il-permess in kwistjoni l-anqas pjanċa HQ ma ħarġet lir-rikorrenti.

Il-Qorti ser tkun qed tagħti kumpens pekunjarju bbażat fuq ħamest elef ewro (€5000) għal kull sena b'effett mill-2014, minn meta beda l-ilment, sal-2020 meta bdiet din il-Kawża. Għalhekk qed tillikwida arbitrio boni viri l-ammont ta' ħamsa u tletin elf ewro (€35,000) oltre ħamest elef ewro (€5000) danni non-pekunjarji.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi dan ir-rikors bil-mod segwenti.

**Tillibera lill-intimati** kollha, ħlief għad-Direttur Ġenerali, Dipartiment Tad-Dwana.

**Tilqa' l-ewwel talba** fil-konfront tad-Direttur Ġenerali, Dipartiment tad-Dwana.

**Tilqa' it-tieni talba** billi tillikwida s-somma ta' erbħin elf ewro (€40,000) bħala kumpens pekunjarju u non pekunjarju u tikkundanna lill-imsemmi Direttur Ġenerali, Dipartiment tad-Dwana jħallas lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes a' karigu tal-intimat Direttur Ġenerali, Dipartiment tad-Dwana.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**